**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 7 ta' Dicembru 2022**

Rikors Numru: 496/22 AL

A B C

u

D C

(M.R. Numru 309/2013)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponew:

1. Illi l-esponenti zzewgu fl-14 t'Awwissu 2011 [Dok. A], mil-liema zwieg m'ghandhomx tfal.

2. Illi l-esponenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-1 t' Awwissu 2017, fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono [Dok. B].

3. Illi l-esponenti ilhom aktar minn sitt xhur separati de facto u legalment, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-

esponenti. Inoltre bejn l-esponenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment. Dan gie kkonfermat mill-esponenti permezz tal-affidavits rispettivi taghhom ezebiti bhala Dok. Cu Dok. D.

4. Illi għalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtiequ jitolbu d-divorzju u/jew hall taz-zwieg bejniethom.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti fl-14 t'Awwissu 2011.

2. Tawtorizza lill-esponenti D C sabiex tirritjeni kunjomha mizzewga “C”.

3. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.

Rat l-affidavits bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 t’Ottubru 2022;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-1 t’Awwissu 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru

Pubbliku; Il-Qorti qeghda tilqa’ t-talba tar-rikorrenti D C biex tirritjeni kunjomha mizzewga “C”

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.